**Tribunal Industrijali**
**Decizjoni Numru** 1553

Kaz Numru 2171

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Richard Borg

u

Frans Azzopardi dwar tkeccija mill-impjjieg allegata li hija ngusta

Data: 4 ta' Novembru 2004

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Triibunal mill-appellant Richard Borg permezz ta' rikors prezentat fit-18 ta' Frar 2004 fejn sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mal-intimat ma saritx ghal raguni valida u skond il-ligi. L-intimat min-naha l-ohra sostna li huwa kien ittermina l-impjieg tal-appellant ghal raguni valida u sufficjenti skond il-ligi. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tal-Kaz prezentati miz-zewg partijiet, zamm hames (5) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri taghhom.

## Fatti tal-Kaz

L-appellant kien ilu impjegat bhala mastrudaxxa mal-intimat ghal sitt snin u l-impjieg tieghu gie terminat fit-30 ta' Ottubru 2003. F'Awissu 2002 kien inqala' incident bejn il-partijiet li wassal lill-intimat biex jittermina l-impjieg tal-appellant izda wara ftit granet l-istess partijiet kienu tkellmu bejniethom, irrangaw il-kwistjoni u l-appellant kompla fl-impjieg tieghu mal-

intimat. L-appellant jispjega li f'Awissu 2002 huwa kien ghajjat laqgha ghall-haddiema tieghu u waqt din il-laqgha kien gibed l-attenzjoni tal-intimat dwar certu atteggjamenti tieghu li xtaqu jikkoregi. L-intimat isemmi l-fatt li l-appellant kien jidghi fuq il-post tax-xoghol, kien jitkellem fuq il-politika u kien iparla fuq il-klijenti li kienu jidhlu fil-workshop wara li dawn kienu johorgu. L-intimat isostni li l-appellant ghamel gest oxxenn u huwa ghalhekk keccieh izda kif intqal aktar il-fuq sussegwentement il-partijiet irrangaw l-affarijiet bejniethom. L-appellant jaqbel li kien inqala' dan l-arguement li wassal ghat-tkeccija tieghu u li sussegwentement kienu tkellmu bejniethom u rrangaw izda jssotni li l-argument kien inqala' ghaliex l-intimat ried inaqqaslu l-ammont li kien jithallas bhala sahra.

L-intimat spjega li l-appellant kompla bl-istess atteggjament wara l-incident ta' Awissu 2002 u spjega wkoll li fit-30 ta' Ottubru 2003 inqala' incident iehor mal-appellant li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-istess appellant. L-intimat isostni li f'din l-okkazzjoni l-appelllant kien talbu numru tat-telefon ta' terza persuna u wara li hareg barra biex icempel rega' dahal gewwa u qabad ipacpac ma lavrant iehor. L-intimat jispjega li huwa dak il-hin kien qed jitkellem ma klijent. Huwa mar fuq l-appellant u qallu biex ma jkompliex itellef lil haddiem l-iehor. Huma bdew jargumentaw bejniethomm u l-intimat qal lill-appellant li kien dejqu b'dan l-atteggjament fejn kien itellef lil haddiema l-ohra. Dejem skond l-intimat, l-appellant irrisponda billi heddu li jekk kien ser jerga' jaghmillu bhal m'ghamillu sena qabel huwa kien ser jaqtalu rasu barra. L-intimat jghid li huwa ghalhekk qabad il-baskett tal-appellant tefghahulu ma wiccu u qallu biex jitlaq il-barra. L-intimat imbaghad mar jaghmel rapport lil Pulizija. L-intimat spjega li huwa kien ilu mdejjaq b'dan l-atteggjament negattiv da parti tal-appellant izda qal li ma hax passi dixxiplinari qabel ghaliex huwa difficli biex issib haddiem tas-sengha.

L-appellant ma jaqbilx ma din il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-intimat in kwantu jirrigwarda l-incident li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu. Huwa jghid li l-intimat kien mar fuqu u qallu biex ma jkompliex iparla u mbaghad qabadlu l-baskett tefaghulu l-barra u qallu biex jaqbad hwejgu u jitlaq. L-appellant jinsisti li huwa prova jkellem lill-intimat bil-kwiet izda dan tal-ahhar ghamillu gest oxxen u qallu biex jitlaq il-barra.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif jidher mill-fatti hawn fuq esposti t-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet pjuttost konfliggenti dwar l-incident tat-30 ta' Ottubru 2003 liema incident wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant. L-intimat produca bhala xhieda lil Charles Mifsud li kien il-haddiem l-iehor li kien prezenti ghall-incident tat-30 ta' Ottubru u lil Paul Gauci li kien il-kllijent li ghamel riferenza ghalih l-intimat fix-xhieda tieghu izda dawn iz-zewg xhieda ftit li xejn ikontribwew biex jikjarifikaw dak li effettivament gara fl-imsemmija data. Paul Gauci ikkonferma li huwa kien fil-hanut tal-intimat qed jitkellem mieghu u li dan tal-ahhar indikalu lill-appellant u qallu 'arah xi jparla'. Dan ix-xhud kompla jghid li mbaghad l-intimat mar ikellem lill-appellant u ma sema xejn dwar argumenti jew glied izda qal biss li huwa kien ftit il-boghod minn fejn kienu qed jitkellmu l-partijiet. Charles Mifsud qal biss li huwa kien qieghed fuq il-bank tax-xoghol u li hdejh kien hemm l-appellant meta gie l-intimat u qal lil dan tal-ahhar li ried ikellmu. Sussegwentement qal li ra lill-appellant tielaq minn fuq il-post tax-xoghol.

It-Tribunal jidhirlu li dak li probabilment gara fl-incident tat-30 ta' Ottubru 2003 kien xi haga fin-nofs bejn il-verzjonijet li inghataw miz-zewg partijiet fis-sens li hemm element ta' verita' fil-fatti kif esposti minnhom. Inqala' argument bejniethom ghaliex l-intimat widdeb lil–appellant sabiex ma jkompliex ipacpac u jtellef lill-haddiem l-iehor liema argument wassal biex it-tnejn jitilfu ir-raguni u sabiex l-inrtimat jitkecca minn fuq il-post tax-xoghol. It-Tribunal huwa tal-fehma li anki kieku wiehed kellu jaccetta pjenament it-tezi tal-intimat dwar kif sehhew il-fatti fl-incidnet li nqala' fit-30 ta' Ottubru 2003 dan xorta wahda ma kienx jiggustifika t-terminazzjoni tal-impjieg tal-intimat. Min-naha l-ohra t-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li l-appellant ikkontribwixxa permezz tal-atteggjament negattiv tieghu ghal dak li kien gara. Mill-provi rrizulta li l-imgieba arroganti tal-appellant fil-konfront ta' min kien jimpjegah waslet sabiex ir-relazzjoni lavorattiva bejniethom ma baqghetx aktar possibbli. Dan jinghad ukoll wara li t-Tribunal ikkonstata il-mod li bih l-appellant iddepona quddiemu u wara li gie ikkunsidrat l-ambjent ristrett li fih kienu jahdmu l-partijiet.

## Decizjoni

Ghar-ragunijieet hawn fuq premessi t-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant da parti tal-intimat ma saritx ghal raguni gjusta u skond il-ligi izda li kien hemm ukoll element ta' kontributorjeta' da parti tal-appellant fl-inciident li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu u dan il-fattur ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-likeidazzjoni tal-kumpens.

## Likwidazzjoni ta' Kumpens

Mill-fatti kif esposti jirrrizulta kjarament li ir-re-instatement tal-appellant fl-impjieg tieghu mal-intimat ikun inopportun u ghalhekk qed jigi likwidat kumpens ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00) liema ammont ghandu jithallas sa zmien tlett gimghat mill-llum.

Ghall-iskpopijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijeit ta' min assista lilll-partijeit fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**